25 AUGUST 2021

# repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

Repubblika Newsletter Issue 03



## Other articles in this issue


Press Releases - 3
Vigils July & August 2021 - 4 & 5
Other Protests/Actions - 6 to 9


photo credit: Repubblika

# Quddiem il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana

**20 Lulju 2021**

**Siltiet mid-diskors tal President ta' Repubblika - Robert Aquilina.**

"Anke taħtek ... Sur Gafa' ... il-gżejjer tagħna għadhom iżommu r-rekord dinji tal-pajjiż fejn il-politiċi u l-big business huma UNTOUCHABLES ... ma jista' għalihom ħadd.

"Sur Kummissarju, pajjiżna jista' jaqbad it-triq tas-sewwa biss jekk ikollu kummissarju tal-pulizija li jagħmilha l-missjoni tiegħu li lill-korrotti u lill-korrutturi li ħatfu lil dan il-pajjiż għażiż tagħna – is-swaba' tal-qarnita mafjuża – jitfagħhom il-ħabs."



"Mexxi fuq:

- John Dalli
- Keith Schembri
- Konrad Mizzi
- Edward Scicluna
- Chris Cardona
- Silvio Valletta
- Lawrence Cutajar
- Joseph Muscat
- l-Apap Bolognas
- il-Gasanijiet
- Joseph Cuschieri
- Carmelo Abela
- Johann Buttigieg
- Edwina Licari
- Heathcliff Farrugia
- Rosianne Cutajar
- il-kriminali tal-Pilatus Bank

u ħafna oħrajn."











*Il-politici u l-big business huma UNTOUCHABLES*

# Repubblika July/August 2021 Press Releases

**13 Lulju 2021**
*Il-Parlament Malti jintuża biex jaħsel l-imġieba skorretta ta' Rosianne Cutajar*

**29 Lulju 2021**
*Il-Parlament qed ikompli jogħdos fl-impunità w Repubblika, #occupyjustice and manueldelia.com call a protest*

See more page 6

**31 Lulju 2021**
*Repubblika b'ittra lill-Partit Laburista*

See more page 7

**01 Awissu 2021**
*Ġurnalist iwaqqaf programm minħabba ndħil politiku fil-PBS*

**05 Awissu 2021**
*Repubblika tikkundanna attakk fuq ġurnalist*

**10 Awissu 2021**
*Konverżazzjonijiet mhux xierqa mas-Sid ta' 17 Black*

**16 Awissu 2021**
*Daphne Eroj*

**24 Awissu 2021**
*Taħt Gafà baqgħet tirrenja l-impunità*

More on page 10

**Repubblika Live FB Broadcasts**

**22 Lulju 2021**
***Il-Kummissarju Gafà vs l-Untouchables***

**20 Awissu 2021**
***L-inkjesta pubblika dwar l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia***



Qarnita: Miriam Galea

***Feel free to share our newsletter.***

***Click here to become a member : https://repubblika.org/membership-form/***

# 16 July 2021 Vigil Roundup

**Click on names for links to videos**

**#45Months**

**Alessandra Dee Crespo**
***President-Eletta, Repubblika***
"Id-drittijiet ta' min ma jaqbilx mal-Gvernijiet ta' Joseph Muscat u tal-midluk tiegħu, Robert Abela, ma jgħoddux. Ma jiswewx. Żejda. Anzi jsejħulna tradituri għax għall-gvernijiet totalitarji, anki dawk li jkunu telgħu demokratikament, kull min ma jaqbilx magħhom huwa traditur. Kull min jitkellem dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galzia, dwar l-iskandli, l-impunità u l-untouchables qiegħed iħassar ir-reputazzjoni ta' Malta. Aħna se nkomplu nitkellmu, ħa nkomplu nipprotestaw il-qtil ta' waħda minna, ħa nkomplu weqfin fuq saqajna, m'aħniex ser nċedu. Għax jekk nieqfu tkunu rbaħtu. U aħna nafuh lil waħda biss: l-#Invicta Daphne Caruana Galizia."

**Vicki-Ann Cremona**
***Attivista, Repubblika***
"U mid-dehra il-Kummissarju tal-Pulizija, Angelo Gafà, allavolja fniek ma marx imexmex, imma minn fuq is-siġġu fejn qegħduh għadu ma qamx biex jieħu azzjoni konkreta kontra dan il-ħażen kollu. Jaqaw dawk l-arresti kollha ta' Keith Schembri u bella compagnia kienu biex minghalina nimpressjonaw lil Ewropej ħalli forsi ningannawhom bit-tama li ma jitfgħux lil-pajjiżna fil-lista l-griża? Iftħu għajnejkom ħbiebi Maltin u Għawdxin għal dan l-ingann u ftakru f'dan ilkliem: Hemm kriminali kull fejn thares issa, is-sitwazzjoni hija wahda tad-dispräment. Daphne kellha raġun."

> *If you love your country, you don't sit back and watch it burn*

**Martina Farrugia**
***Activist, #OccupyJustice***
"If you love your country, you don't sit back and watch it burn... We need to stop being so complacent. We need to be organised. We need the opposition to find its feet and start presenting itself as a serious and valid alternative government because unrestrained, in 8 short years, it has truly been the best of times only for the criminal community in this country.

However we live in Malta, where the writing on the wall is denied and politicians think that if they talk about serenity long enough, and about allowing the institutions to work, the population will be lulled into a sleepy haze and ignore the bombing of a woman outside her home and every scandal in-between."

**Robert Aquilina**
***President, Repubblika***
""Aħna dejjem sostnejna li l-fiduċja hi xi ħaġa li trid taħdem għaliha. L-istituzzjonijiet tagħna m'għandom l-ebda dritt divin għall-fiduċja tagħna. Anzi, ngħid bla tlaqliq, li bħala ċittadini għandna jkollna rwol ta' għassiesa fuq min iservi f'karigi pubbliċi .

U allura, nistaqsi: Kemm ħaqqhom fiduċja l-istituzzjonijiet tagħna?

Meta Daphne Caruana Galizia kixfet liċ-chief of staff ta' Joseph Muscat u lill-ministru Konrad Mizzi, l-istess Joseph Muscat u l-akkolti tiegħu ... fosthom il-konsulent Robert Abela ... ħadu ras kulħadd bil-mantra 'ħallu l-istituzzjonijiet jaħdmu'.

Illum nafu li fil-verità kienu qed jgħidu 'ħallu l-istituzzjonijiet jaħdmu għalina' ... fil-verità kienu qed jgħidu 'ħallu l-istituzzjonijiet reqdin fis-sodda mal-kriminali li suppost kellhom jinvestigaw'.""

# 16 August 2021 Vigil Roundup

## #46Months

**Manuel Delia**

"Ir-rapport ta l-inkjesta indipendenti jagħmel ħafna rakkomandazzjonijiet: però f'paragrafu veru impenjattiv jgħid: Ninkoraġġixxu lill-istat - u allura in-nies li jmexxuh - li minnufih jibdew jgħamlu sforz biex jibda l-fejqan mit-trawma li qed jgħaddi dal-pajjiż.

Alessandra semmiet kif fl-anniversarju tal-bierah - is-79 sena mit-tieni assedju ta' Malta - il-President ta' Malta f'isimna fakkar is-sagrifiċċju illi sar hawn. Tlett ġimgħat oħra jiġi hawn il-President ta' Malta biex ifakkar l-assedju u s-sagrifiċċju ta' fuq erba' mitt sen'ilu.

Il-President ġej hawn u jekk iġib ruħu daqs li kieku l-inkjesta qatt ma kienet, daqs li kieku Daphne qatt ma kienet, jgħamel kif sar kull sena dawn l-aħħar erba' snin – jixkupaw kollox u jagħmlu tabirruħhom li qatt ma ġara xejn...

Sur president, indipendentement minn dak li naħbsu fuqek, u fuq li għamilt u fuq ir-responsabbiltajiet tiegħek – fuq dawk nitkellmu – tlett ġimgħat oħra meta tiġi hawn, għandek l-għażla, bil-ġesti tiegħek, jew li tibda t-triq it-twila għall-fejqan, jew terġa' tifttħilna l-ġerħa.""

**Becky D'Ugo**
***Attivista, #occupyjustice***

"S'issa qatt ma qtajna qalbna u wisq anqas illum. Ma ngħaddsux rasna fir-ramel, għax hekk iridu dawk li jridu jbellgħulna li kollox għaddej fuq ir-rubini f'dal pajjiż. Mhux talli hekk, imma talli għaddejin romblu fuq kull min hu ta' rieda tajba. Aħna li ma nifilħux naraw aktar porkeriji fil-governanza tagħna. Aħna li nippretendu l-ogħla livell ta' tmexxija minn dawk li jokkupaw karigi t'awtorita' f'pajjiżna.

Din hija darna, dan hu pajjiżna, u aħna l-poplu tiegħu. Nippretendu aħjar, ħaqqna aħjar, u neżiġu aħjar."

**Neil Falzon**
***Direttur, aditus***

"F'din it-tifkira ta' Daphne Caruana Galizia, l-appell tiegħi u tal-kollegi tiegħi u li flimkien inkunu dal-"party-free opposition to be reckoned with". Li nibdew nagħtu każ dak li qed jgħidu l-għaqdiet...u nieħdu azzjoni kif u fejn nistgħu!

Mela ejjew niffirmaw il-petizzjonijiet tal-Moviment Graffitti, oħorġu fit-toroq mar-Repubblika, nimxu ma sħabna fil-Gay Pride, ningħaqdu mal-protesti tal-immigranti...nisimgħu meta l-għaqdiet u l-attivisti jgħidulna li l-affarijiet mhumiex mexjin sew!

Ħadd qatt ma bena d-demokrazija bir-raġun jew bir-rabja biss. Wasal iż-żmien li nibdew nittamaw. Flimkien u b'solidarjetà."

**Alessandra Dee Crespo**
***President-Eletta, Repubblika***

"Daphne Caruana Galizia kienet temmen fl-istat. Kienet konvinta li x-xogħol tagħha kien se jwassal għall-prosekuzzjonijiet u iktar. Imma l-istat fallieha. U fl-aħħar l-istat qatilha. M'aħniex ser nerġgħu nippermettu li l-istat jerġa' jfallieha.

Mhux ser nippermettu li l-istat jinjora r-rakkommandazzjonjiet tal-Inkjesta Pubblika. Jekk jinjorahom, allura l-istat ikun qed joqtol lil Daphne Caruana Galizia għal darb'oħra. Diġà għamilna dan l-iżball qabel is-16 t'Ottubru 2017. Li ħallejniha tikkumbatti waħedha. Mhux ser nagħmlu l-istess żball ukoll mitejn ġimgħa wara. Issa rridu nikkumbattu għaliha aħna. Din hija l-wegħda tagħna."

> *Nippretendu aħjar, ħaqqna aħjar, u neżiġu aħjar*

# Protesta 29 Lulju

For video of full protest, click here






Photo credit: Malta Today






*"The government, the state, the institutions did not only allow for Daphne Caruana Galizia to be murdered under their watch - in truth, they also facilitated it."*

Clemence Dujardin
Activist, #occupyjustice


Photo credit: Miguela Xuereb

# Strangers' Gallery, Parliament

30 July 2021, 9 am

For video of full event, click here

---

## *Repubblika* opts for court action after being denied entry into parliament

IVAN MARTIN

Civil society group *Repubblika* sought court redress to gain access to Malta's parliament.

In a judicial protest filed on Thursday, the group said Speaker Anġlu Farrugia and the Clerk of the House Ray Scicluna are abusing their power by not allowing members of the public into parliament.

The group has repeatedly requested access to the strangers' gallery, which is meant to be open to any member of the public that wants to follow parliamentary sittings from within the chamber.

Farrugia has argued that, due to the pandemic, it is not safe to allow people into the viewing area that sits above the parliamentary chamber. The judicial protest says this is a "weak excuse" and goes against the standing orders which govern parliamentary procedure. It also constitutes a breach of the European Convention on Human Rights, the group is arguing.

The NGO's members tried to gain access to the House yesterday to follow an urgent debate that was held to discuss the findings of a public inquiry into the murder of Daphne Caruana Galizia.

The inquiry found that the state should shoulder responsibility for her death. Police officers turned the group away.

Speaking outside parliament, *Repubblika* activist and journalist Manuel Delia said the strangers' gallery is a symbol of an open democracy but instead parliament has been turned into a sealed fortress.

"If the state truly wants to start a national healing process, then this is a very bad way to begin," he said.



*Repubblika* activists were not allowed entry into parliament.
PHOTO: CHRIS SANT FOURNIER

**The Times of Malta, 31 July 2021**

# Repubblika b'Ittra lill-PL

31 July 2021, 9 am

For video of full event, click here



Photo Credit: The Malta Independant

"L-ewwel nett, il-Partit Laburista għandu minnufih jibda proċeduri fi ħdanu biex l-eks Mexxej Joseph Muscat jitkeċċa mill-partit. Infakkrek li Joseph Muscat instab personalment responsabbli li kien fiċ-ċentru tat-tnawwir, tat-tgħajjir, tal-gideb u tal-ħolqien tal-ambjent ta' impunità li fihom seta' jseħħ l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Huwa biss b'din l-azzjoni li l-Partit Laburista jista' jibda jiċħad il-passat ta' għajb li wassal għall-qtil ta' omm, ikkawża trawma għal pajjiżna u żeblaħ lil din artna mal-erbat irjieħ taddinja. Il-gravità ta' dak li seħħ minħabba Joseph Muscat hija bla preċedent fl-istorja tad-demokrazija tagħna."

***Robert Aquilina,***
***President, Repubblika***

# Protesta:
# Kontra l-Infiltrazzjoni tal-Kriminalita' fl-Istituzzjonijiet

Quddiem il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Governanza,
3 Awwissu 2021, 7pm

For full video of event, click here









*Naprezzaw ħafna d-donazzjonijiet tagħkom*

*https://repubblika.org/mt/donazzjonijiet/*

# Jeep Safari:
# Insejħu għar-riżenja ta' EZL

6 Awwissu 2021

***Click timings below for links to individual videos***

08:15  Għal Kastilja
08:20 Stop 1: Wasalna Kastilja
08:30 Konversazzjoni Kordjali mal-Pulizija
08:40 Għadna Kastilja!
08:50 Stop 2: Ministeru Għall-Ġustizzja u L-Governanza
09:22 Stop 3: Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija
09:50 Stop 4: Id-Distrett ta' EZL
10:03  Stop 4: Id-Distrett ta' EZL part 2
10:14  Stop 4: Id-Distrett ta' EZL part 3
12:53  Stop 5: Portomaso








# Konferenza Stampa: Taħt Gafà baqgħet tirrenja l-impunità

23 Awwissu 2021 – Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana
Siltiet mid-diskors ta' **Robert Aquilina - President ta' Repubblika**

"Aħna sirna nafu li f'Diċembru tal-2012 u f'Jannar 2013 bil-miktub - flimkien ma' Michael Cassar (dakinhar Assistent Kummissarju) u flimkien ma' John Cachia (dakinhar Deputat Kummissarju) - Angelo Gafa' bil-miktub għamel rakkomandazzjoni dettaljata biex John Dalli jitressaq il-Qorti fuq korruzzjoni ta' għexieren ta' miljuni ta' Ewro, imwettqa meta Dalli kien għadu Kummissarju tal-Unjoni Ewropeja."



2 The Malta Independent | Tuesday 24 August 2021

News

## 'Angelo Gafa is dragging his feet' on prosecuting Malta's 'big fish' – Repubblika

Police Commissioner Angelo Gafa is dragging his feet on charging people in court over several scandals which have rocked the country, Repubblika President Robert Aquilina said on Monday.

In a press conference outside the Police headquarters in Floriana, Aquilina lamented how nobody has been charged by the police – leading him to say that Gafa, who has held his tenure for just over a year now, is much like his predecessor Lawrence Cutajar in his inaction.

Aquilina noted that no action has been taken on issues such as the country's FATF grey listing and the several corruption scandals which have rocked the country in recent years.

Amongst the people and cases mentioned by Aquilina were those of John Dalli, where he said that Gafa had recommended that Dalli be charged in court, and of Pilatus Bank, which Gafa had led point on but where prosecutions have not come.

Aquilina queried how Gafa doesn't have anything in hand to charge former government Minister Konrad Mizzi with attempted money laundering, or to charge former MFSA CEO Joseph Cuschieri and former MGA CEO Heathcliff Farrugia with trading in influence.

He mentioned the case concerning former OPM chief of staff Keith Schembri, but added that these charges did not relate to his political work. In addition, he said that Schembri was charged because of the magisterial inquiry rather than the police proactively moving forward. He said that Gafa had been "forced" to charge Schembri by the courts.

"He hasn't done anything about the obscenities which Joseph Muscat carried out. Gafa left him at liberty to travel round the world and give interviews," he said.

He said that Gafa had done nothing about Yorgen Fenech and his alleged corruption through the secret company 17 Black, and neither had anything been done about people who allegedly plotted and carried out illegalities with Fenech.

Amongst those, Aquilina claimed, was a certain Anthony Farrugia – known as "il-Buddy", who allegedly was complicit with Fenech in the use of bitcoin illegally.

Aquilina said that Gafa didn't even have the courage to tell them why Assistant Commissioner Ian Abdilla had been suspended.

All in all, Aquilina described Gafa as a "disappointment", saying that it seemed like the current Police Commissioner is much like his predecessor Lawrence Cutajar, in that those considered to be "untouchables" are still considered as such.

He said that they expected the prosecution of "big fish" and of accountability from the office of the Police Commissioner, and not to have to return to the depot next month to say that another month had passed without any action being taken.

"Fuq il-Pilatus Bank saret inkjesta minn maġistrat, li ġiet konkluża f'Diċembru tal-2020 - b'rapport ta' madwar 600,000 paġna.

Milli smajna, dik l-inkjesta swiet 7 miljun ewro u nofs lill-Poplu Malti.

Smajna wkoll li bħala riżultat ta' dik l-inkjesta, il-Maġistrat Inkwirenti f'Marzu ta' din is-sena iffirma international arrest warrants biex jiġu arrestati persuni konnessi mal-Pilatus Bank.



Allura rrid quddiemkom nistaqsi lil Angelo Gafa' direttament: Ngħid sew, Sur Kummissarju, li b'riżultat ta' din l-inkjesta maġisterjali kellhom jiġu arrestati u mressqa l-Qorti d-diretturi kollha u l-Money Laundering Reporting Officer tal-Pilatus Bank u inti dan bqajt m'għamiltux?"

"Ftit ġimgħat ilu smajna li Angelo Gafà issospenda lill-Assistent Kummissarju Ian Abdilla. Iżda sal-lum Gafà għadu ma kellux id-diċenza u l-kuraġġ li jgħid lill-poplu għalfejn Abdilla jinsab sospiż. Qed nitkellmu fuq Assistent Kummissarju hawn, mhux fuq pulizija kwalunkwe. Għalfejn dal-ħabi kollu?"

"Kull ġurnata li tgħaddi ANGELO GAFÀ QIEGĦED DEJJEM AKTAR ISIR JIXBAĦ lil Lawrence Cutajar. Minn hawn ġew qaluli li l-Kummissarju jieħu għalih meta nqabblu ma' ta' qablu. Pero' jiena ngħidlu li d-destin tiegħu qed jagħżlu hu stess, billi jiddeċiedi li ma jiddeċidix, billi jkaxkar saqajh u jmexxi biss meta jkun imġiegħel."

***Naprezzaw ħafna d-donazzjonijiet tagħkom***

***[https://repubblika.org/mt/donazzjonijiet/](https://repubblika.org/mt/donazzjonijiet/)***